***Stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)***

**Il-Konferenza tal-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara 2022**

Kif saħqet il-kittieba u attivista Amerikana Audre Lorde, *"ma teżisti l-ebda sfida bi kwistjoni waħda għax ħajjitna ma ddurx fuq kwistjoni waħda".* [1] L-individwi għandhom identitajiet intersezzjonali li joħorġu minn relazzjonijiet soċjali, mill-istorja, u mill-istrutturi ta' poter. Analiżi intersezzjonali tfittex li tikxef il-kumplessità tal-ħajja ta' kuljum u titfa' dawl fuq id-diskriminazzjoni li sseħħ minħabba l-kombinament tal-identitajiet.

F'dan il-kuntest, din is-sena it-tema magħżula għall-Konferenza tal-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara kienet '**Nisa b'Identitatijiet Differenti'**, fid-dawl tal-fatt li xi gruppi ta' nies, partikolarment in-nisa, huma aktar suxxettibbli għal diskriminazzjoni intersezzjonali.

Fid-diskors tal-ftuħ tiegħu, il-Ministru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Dr Owen Bonnici saħaq li Malta għamlet progress sinifikanti fl-ugwaljanza bejn is-sessi f'diversi oqsma. Fil-fatt, l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2021, li jkejjel il-progress tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE matul iż-żmien, jikkonferma li fost l-Istati Membri tal-UE, Malta rreġistrat it-tieni l-ogħla avvanz fl-ugwaljanza bejn is-sessi sa mill-2010, wara l-Lussemburgu.

L-Onor Dr Bonnici qal li l-Gvern huwa kommess li jkompli jaħdem biex jissaħħaħ il-progress miksub sal-lum sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza għal kulħadd. Matul dawn l-aħħar snin, ittieħdu diversi miżuri biex jagħtu aktar setgħa lin-nisa biex jidħlu jew jibqgħu fl-impjieg, biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni mġarrba minn individwi bi sfondi razzjali jew etniċi, biex tkompli titjieb il-ħajja tan-nisa u l-irġiel b'diżabbiltà, biex tingħata aktar għajnuna lill-pensjonanti, b'mod partikolari lin-nisa, u biex tinkiseb ugwaljanza fil-prattika abbażi ta' orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru u karatteristiċi tas-sess.

Il-Kummissarju tal-NCPE, is-Sa Renee Laiviera tkellmet dwar x'wassal għall-għażla ta' dan is-suġġett din is-sena fil-kuntest li n-nisa jistgħu iġarrbu diskriminazzjoni intersezzjonali abbażi ta' razza, etniċità, reliġjon/twemmin, diżabilità, età, orjentazzjoni sesswali, u identità tal-ġeneru.

[1] https://eige.europa.eu/publications/intersecting-inequalities-gender-equality-index

Is-Sa Laiviera enfasizzat l-importanza li tiġi rikonoxxuta l-eteroġeneità tan-nisa u l-irġiel mhux biss bejn gruppi differenti iżda wkoll fi ħdan xi grupp soċjali, li tista' twassal għal aktar differenzi u ċirkostanzi u bżonnijiet distinti. L-enfasi fuq l-intersezzjonalità tgħinna nifhmu u nirrispondu b'mod effettiv għall-esperjenzi tal-ħajja reali tan-nies li jiltaqgħu ma' diskriminazzjoni, sabiex b'hekk jiġi żgurat li l-ugwaljanza tkun tassew realtà għal kulħadd.

Dr Andreana Dibben, Lettur Anzjan tal-Politika u l-Ħidma Soċjali fi ħdan il-Fakultà għall-Benessri Soċjali fl-Università ta' Malta, spjegat xi tfisser l-intersezzjonalità, tat ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp tal-intersezzjonalità, u semmiet kif u għaliex l-intersezzjonalità hija rilevanti f'Jum il-Mara. Dr Dibben enfasizzat ukoll l-importanza ta' politiki jew liġijiet li jkopru diskriminazzjoni intersezzjonali.

Panel ta' diskussjoni magħmul minn diversi partijiet ikkonċernati ddiskuta l-ostakli li jiffaċċjaw in-nisa b'identitajiet differenti u t-triq 'il quddiem.

Il-Konferenza kkonkludiet b'workshops li matulhom il-parteċipanti ddiskutew il-kwistjonijiet li tqajmu waqt il-panel ta' diskussjoni u mill-esperjenzi personali tagħhom il-parteċipanti rreferew għal dawk l-oqsma fejn in-nisa b'identitajiet differenti huma l-aktar f'riskju ta' inugwaljanza/diskriminazzjoni.

L-NCPE se tevalwa r-rakkomandazzjonijiet li tqajmu matul din il-Konferenza u timpenja ruħha li tkompli taħdem biex tiżgura li l-perspettiva tal-ugwaljanza tkun integrata fil-politika u l-azzjonijiet kollha għall-benefiċċju tan-nisa u l-irġiel kollha fis-soċjetà.

**3 ta' Marzu 2022**